**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2024**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 229/2024 JVC**

**Karen Camilleri (ID Nru. 0002595M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Karen Camilleri talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti hija ċittadina Maltija li nhar il-14 ta' Ottubru 2023 iżżewġet lill-Valerio Battista, ċittadin Taljan u detentur tal-passaport numru YB3365215, ġewwa Little Chapel of

Hearts 2207 S. Las Vegas Blvd, Las Vegas, Nevada, Stati Uniti (**Dok. A**);

2. Illi dan iż-żwieġ ġie rikonoxxut u debitament reġistrat mid-Direttur konvenut ġewwa Malta kif fil-fatt jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv 270 tas-sena 2024 (**Dok. B**);

3. Illi madankollu, qabel ma r-rikorrenti u żewġha marru jirreġistraw it-tali żwieġ, huma ġew informati illi r-rikorrenti ma setgħetx tieħu kunjom żewġha, ossija "Battista", għalkemm dan minn dejjem kien l-intendiment tagħha, in kwantu ma kien hemm l-ebda' indikazzjoni f'dan is-sens fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ rilaxxjat mill-Istati Uniti;

4. Illi fil-fatt nhar is-26 ta' Jannar 2024, l-esponenti u żewġha kienu kitbu lill-*County Clerk* ta' l-istat ta' Nevada fejn iżżewġu sabiex jitolbu illi l-kunjom tal-esponenti għandu jinqaleb għal "Battista" u ma jibqax "Camilleri" (**Dok. C**). Illi dakinhar stess l-istess County Clerk wieġbet u għarrfithom illi "***In the State of Nevada it is not mandatory or required to have chosen or designated a new last name on your marriage documents*** *when you came to get the marriage license, therefore if you originally did not designate a new name on your marriage documents that is ok, because you still have to go to your country's embassy/consulate where you currently reside so you will let them know how you want your new designated last name to be. But if you did originally designate a new last name on your marriage license it would not have been official till you would go to your embassy/consulate to legally change it to your new last name*" (ara **Dok. C**) filwaqt li għamlet referenza u ssottomettiet ukoll kopja tal-liġi applikabbli (**Dok. D**).

5. Illi minn tgħarif ulterjuri irriżultaw is-segwenti fatti u ċioè:

(i) li kien hemm kambjament fil-liġi u b'hekk ma kienx aktar possibbli li wieħed ibiddel il-kunjom fl-Istati Uniti (iżda din l-emenda seħħet **wara** ż-żwieġ tar-rikorrenti); u

(ii) **fil-mument taż-żwieġ** tagħhom kien jeżisti jedd ta' għażla li r-rikorrenti allegatament ma pprevalitx ruħha minnha (ara f'dan ir-rigward il-korrispondenza hawn unita u mmarkata **Dok. E**);

6. Illi madankollu l-esponenti tikkontendi, bil-ġurament tagħha, u kif anke' jirriżulta mill-korrispondenza appena riferuta, illi fl-ebda' ħin, mument jew waqt ma ġiet a konoxxenza li kien hemm xi dritt ta' opzjoni u li ħadd ma qatt għarrafha bit-tali jedd li suppost kien jeżisti fil-mument taż-żwieġ tagħha ma Valerio Battista u lanqas ma indikawla li setgħet tagħmel dan;

7. Illi minkejja dan kollu d-Direttur konvenut ma setax jimplementa dan it-tibdil hu stess u kienet uffiċjala fi ħdan l-uffiċju tal-istess Direttur illi għarrfet lill-esponenti li dan seta' jsir biss **permezz ta' sentenza tal-Qorti**;

8. Illi kif ġja ingħad, minn dejjem kien l-intendiment u x-xewqa tal-esponenti li taddotta l-kunjom ta' żewġha "Battista";

9. Illi l-esponenti tiddikjara minn issa li hija tgħaraf illi d-Direttur konvenut ma għandu l-ebda' ħtija f'din il-kwistjoni u għalhekk mhix ser tinsisti għall-ispejjeż tal-kawża.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tawtorizzaha jew mod ieħor tordna, b'konsegwenza taż-żwieġ tagħha ma' Valerio Battista, sabiex ir-rikorrenti taddotta u/jew tieħu l-kunjom ta' żewġha "Battista" flok kunjom xbubita "Camilleri";

2. Konsegwentement tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti u żewġha Valerio Battista u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 270 tas-sena 2024, u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jiġi indikat u jkun maghruf bħala Karen Battista, kull fejn ikun hemm meħtieġ;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tar-rikorrent kull fejn jirriżulta, inkluż f'atti u dokumenti oħra pubbliċi, inkluż il-karta tal-identità u l-passaport tagħha, u b'mod ġenerali fejn jkun hemm l-htiega.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti għandha tindika taħt liema artikolu hija qiegħda tibbaża l-kawża tagħha. Kemm il-darba din il-kawża hija bbażata taħt l-Artikolu 253(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti:

i. Skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **<u>270/2024</u>** (anness u mmarkat Dok. B mar-rikors promotur), ir-rikorrenti 'Karen CAMILLERI' żżewġet lil 'Valerio BATTISTA' nhar l-14 t'Ottubru 2023 ġewwa Las Vegas, Nevada, Stati Uniti tal-Amerika;
ii. Jirriżulta illi f'dak l-istadju l-konjuġi jidher illi għażlu li jżommu kunjomhom u għalhekk kunjom l-attriċi baqa' ndikat bħala 'CAMILLERI'.
iii. L-Att taż-Żwieġ Amerikan (anness u mmarkat *Dok. A* mar-rikors promotur) kif debitament apostillat ġie replikat bid-dettalji kollha tiegħu fl-Att taż-Żwieġ Malti skont l-Artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġialadarba l-kunjom li l-partijiet adottaw wara ż-żwieġ ma kienx indikat fuq l-Att taż-Żwieġ Amerikan, l-kunjom li kienet se tadotta r-rikorrenti ossia dak 'CAMILLERI' ġie dikjarat fid-dikjarazzjoni ġuramentata li ssir qabel il-ħruġ tal-istess ċertifikat. Illi effettivament dan kollu ġie replikat fl-Att tat-Taż-Żwieġ Malti, b'dan għalhekk ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att taż-Żwieġ;

4. Illi permezz tar-rikors promotur, jidher illi r-rikorrenti qegħda tisħaq illi hija dejjem xtaqet illi maż-żwieġ hija tadotta kunjom żewgħa 'BATTISTA'. Illi mir-rikors promotur u mid-dokumentazzjoni annessa għadu mhuwiex ċar għaliex dan ma sarx eżattament fl-istadju illi hija żżewwġet ġewwa l-iStat ta' Nevada, fl-Istati Uniti tal-Amerika;

5. Illi jirriżulta wkoll illi saret korrispondenza mal-Awtoritajiet fl-Istati Uniti fejn jidher illi dawn ikkonfermaw illi fl-istadju li hija żżewwġet kien jeżisti jedd ta' għażla rigward il-kunjom iżda li minħabba tibdiliet sussegwenti fil-liġijiet, liema tibdiliet saru

wara ż-żwieġ tar-rikorrenti, ma kienx aktar possibli li jinbidel il-kunjom;

6. Illi fil-mertu, l-esponent jibda billi jirrileva illi ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, l-formalitajiet li jridu jiġu osservati huma tal-pajjiż fejn ikun sar iż-żwieġ u għalhekk skont il-formalitajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika u mhux ta' Malta. Huwa f'dan id-dawl illi l-esponent sejjer jindirizza u jwieġeb it-talbiet tar-rikorrenti;

7. Illi rigward **l-ewwel talba**, l-esponent jirrileva illi sabiex tintlaqa' tali talba, fl-ewwel lok għandu jsir it-tibdil relattiv ġewwa l-iStati Uniti tal-Amerika, ossia l-pajjiż fejn iż-żwieġ ġie ċelebrat, u skont il-formalitajiet ta' dak li-stess l-pajjiż. F'każ li dan mhuwiex possibli, alternattivament għandha tingħata prova sodisfaċenti minn Awtorita' kompetenti bħall-Ambaxxata Amerikana f'Malta li tikkonferma li skont il-formalitajiet ta' dak l-pajjiż it-tibdil rikjest jista' effettivament isir. Huwa biss wara li l-Qorti tikkonferma illi tali tibdil jista jsir bil-formalitajiet Amerikani illi din il-Qorti għandha titratta u tiddeċiedi din it-talba;

8. Illi speċifikament dwar **it-tieni talba**, safejn ir-rikorrenti qiegħda titlob korrezzjoni f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti, tali talba ma tistax tintlaqa' stante illi r-rikorrenti trid tispeċifika l-atti li jrid isir it-tibdil dwarhom, apparti l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **270/2024** u *multo magis* ma jista' jsir ebda tibdil fuq atti li għadhom lanqas biss ġew reġistrati;

9. Illi dwar **it-tielet talba**, l-esponent joġġezzjona stante li l-esponent jista' jagħmel annotazzjonijiet biss fuq l-Atti ta' Stat

Ċivili u mhux fuq dokumenti u atti oħra li ma jinħarġux mill-stess Direttur bħal karta tal-identita' u l-passaport;

10. Illi finalment id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi eżebita a fol. 19.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat u rat ukoll partikolarment id-dokumentazzjoni eżebita illum stess fejn id-dokument CC jidher illi effettivament ir-rikorrenti llum iġġib il-kunjom Battista u mhux Camilleri, barra mill-pajjiż.

Illi in vista ta' dawn il-provi l-Qorti tqis anki sabiex ma jkunx hawn tfixkil tal-identita' tar-rikorrenti, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tielet talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat;

**4.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Ottubru 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**10 ta' Ottubru 2024**